MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 392/2010

Kawza fil-lista: 53

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 2001, u f'dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li hu m'ghandux responsabbilita' ghan-nullita';

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-3 ta' Gunju 2001 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Gunju 2001 meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 25 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jirrizzulta li meta l-partijiet bdew johorgu flimkien l-attrici kien ghad kellha 14-il sena biss; kienu hassru l-gherusija taghhom darbtejn u dan minhabba l-fatt li l-attrici kienet thobb ragel iehor u dejjem kienet tmur lura mieghu. Jidher li l-attrici giet imgeghla mill-genituri taghha sabiex titlaq lil dan ir-ragel l-iehor peress li dan kien ragel separat u kellu t-tfal. Ghalhekk l-attrici zzewget lill-konvenut sabiex takkuntenta lill-genituri taghha li meta saru jafu b'dan ferhu ferm u organizzaw it-tieg, f'liema preparamenti l-attrici ma wrietx wisq entusjasmu[1]. Fil-fatt anke l-parir t'oht l-attrici kien biex terga' tinghaqad mal-konvenut ghalkemm wara, Caroline Muscat tghid li ma kienx parir tajjeb u li ghamlet hekk sabiex il-genituri taghhom ma

[1] Vide fol 19 tal-process.

jinkwetawx[2]. L-attrici jidher bic-car li ma xtaqitx tkun mal-konvenut u dan anke wara li zzewgu "*jien kont ninduna li f'dan iz-zmien kollu l-attegjament t'ohti ma C qatt ma nbidel*"[3]. L-attrici tghid li meta zzewget lill-konvenut ma kinitx thobbu u li kellhom it-tfal biex tipprova ssalva z-zwieg[4].

Illi jidher li l-konvenut kien ossessjonat bl-indafa tant li l-attrici tghid li "*kien jaghmel atti ta' l-imgienen fis-sens illi fil-hamsa ta' filghodu kien iqum jahsel il-bitha, jiccekkja l-cupboards tal-kcina humiex nodfa, alla hares jara jew isib xi karti tat-tfal barra minn posthom*"[5]. Din l-ossessjoni kienet sa tali punt li l-konvenut "*kien irranga fil-garaxx, bicca bank u pogga cooker u fridge u kienu jghixu u jieklu* hemm"[6]. L-attrici tghid li dina l-ossessjoni kienet ukoll estiza fejn jidhlu t-tfal u dwar dak li jieklu, hija tiddeskrivi t-tfal bhal jitwerwru minnu.

L-attrici tishaqq ukoll li l-konvenut kien iwarrabha minn mal-familja taghha u dan sostnitu wkoll oht l-attrici. Problema ohra tal-konvenut jidher li kienet l-influwenza li kellha ommu fuqu, l-attrici tghid li d-decizjonijiet kollha kien johodhom m'ommu minflokk ma' martu sahhansitra l-kamra tas-sodda tat-tfal, il-konvenut pengiha m'ommu u saret skont kif qaltlu ommu. "*kollox kull ma naghmlu rridu nsaqsu l-mummy l-ewwel. Ommu kient tkun taf hafna affarjiet qabel ma nkun nafhom jiena*"[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-partijiet l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr m'gharrfet l-import tal-hajja konjugali, bir-rizultat li kienet <u>inkapaci</u> tghix mal-konvenut, allura zewgha, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku peress li hija qatt ma riedet tizzewweg lill-istess konvenut. Minn naha tieghu l-

[2] Vide fol. 22 tal-process.
[3] Vide fol. 22 tal-process.
[4] Vide fol. 47, 48 tal-process.
[5] Vide fol. 20 u 36 tal-process.
[6] Vide fol. 23 tal-process.
[7] Vide fol. 42 tal-process.

konvenut kellu tendenzi ossessivi fil-komportament tieghu, kif ukoll kien jaghti kaz qawwi l-parir t'ommu f'dak li jikkoncerna l-affarjiet ta' bejn il-mizzewgin tant li dak li kienet tghid ommu kien isir a skapitu ta' diskussjoni u decizjonijiet ta' bejn il-partijiet. Dan kollu wassal ghall-impediment serju sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' mhabba u hajja.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-3 ta' Gunju 2001.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------